MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 67/8

Il-Hamis 24 ta` Frar 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

067.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

067.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements ghas-sena 2021;

067.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**067.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm zewg ittri ta` Apologija minghand il-Kunsillier MA Sammut u Kunsillier S Caruana, fejn talbu sabiex jigu skuzati. It-talbiet taghhom gew approvati.

**067.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements ghas-sena 2021**

Is-Sindku stiednet lill-accountant tal-Kunsill sabiex taghti spjegazzjoni ta` dan ir-rapport. Is-Sinjura Debono qalet li ghas-sena 2021, il-Kunsill kien ghamel surplus minimum ta` €353 wara li nhadme id-depreciation, fejn dan ifisser li nefqa tal-Kunsill kienet ftit inqas mid-dhul li kellu fis-sena 2021. Is-Sinjura Debono spjegat li matul is-sena 2021, il-Kunsill ircieva diversi fondi li jammontaw ghal €203,836, liema fondi dahlu fil-kontijiet tal-CBM. Rigward hrug li sar fis-sena 2021, is-Sinjura Debono spjegat li hargu diversi pagamenti relatati max-xoghlijiet li saru fi Triq Santa Katerina u Triq J.Pace. Is-Sinjura Debono ziedet tghid li rigward spejjez amministrattivi ma kienx hemm zidiet kbar. Kien hemm ukoll tnaqqis fl-ispejjez relatati ma` attivitajiet u dan minhabba l-effett tal-pandemija. L-accountant tal-Kunsill spjegat ukoll li kien hemm zieda fi spejjez relatati mall-manutenzjonijiet fit-toroq ghal fatt li saru xi xoghlijiet matul is-sena 2021.

Is-Sinjura Debono qalet ukoll li kien hemm zieda ftit akbar fl-ispejjez relatati maz-zamma ta` gonna u fil-manutenzjoni ta` dawl fil-Gudja.

Is-Sindku talbet ghall-approvazzjoni tal-Financial Statement ghas-sena 2021. Il-Vici Sindku JM Callejja ssekonda u kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**67.3 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (6.20pm).

Konfermati, illum ______________________

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv